2666/25

05N

FILED
10 JUN 2025
OFFICE OF THE STATE ADVOCATE

REGISTRY SUPERIOR COURT
10 JUN 2025
68.
PAID

**Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili**

Illum 10 ta' Ġunju 2025

| | | |
|---|---|---|
| Prez: | € | 15.00 |
| Reg: | € | 6.00 |
| Not: | € | 1.20 |
| | € | 22.20 |

**Lil: MIDI plc (C15836)**
WG34-WG7,
North Shore,
Manoel Island,
Gżira.

Bil-preżenti ittra uffiċċjali, il-Gvern ta' Malta u l-Awtorità tal-Artijiet, u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, jagħmlu referenza għall-kuntratt pubbliku tal-15 ta' Ġunju 2000 fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli, li permezz tiegħu il-Gvern ta' Malta, kif rappreżentat mis-Sur Albert Mamo, ikkonċedielek b'titolu ta' enfitewsi temporaneja għal żmien disa' u disgħin (99) sena, artijiet u binjiet f' Tignè Point, tas-Sliema u f' Manoel Island, Gżira, kif deskritti fl-istess kuntratt, u soġġett għall-obbliġi u l-kundizzjonijiet kollha stipulati u maqbula f' dak il-kuntratt.

Il-mittenti jirreferuk għal dak pattwit fl-imsemmi att pubbliku u senjatament, iżda mhux limitatament, għal dak emerġenti mill-klawsola numerata tmienja (8) illi tistipula li l-iżvilupp kellu jkun sostanzjalment komplut sal-31 ta' Marzu 2023.

B'konsegwenza tal-fatt illi inti nqast milli tottempera ruħek ma' dan l-obbligu kuntrattwali, skattaw ukoll il-penali dovuti minnek ai termini tal-istess klawsola u qiegħda għalhekk bil-preżenti tiġi nterpellata tħallas dawk il-penali dovuti, inkluż l-imgħaxijiet relattivi, u dan b' riżerva għall-penali ulterjuri li għadhom jistgħu jiġu mposti skont l-istess kuntratt.

Illi l-*proviso* tal-klawsola 8.1.4 jipprovdi wkoll illi jekk id-dewmien, u allura l-inadempjenza kuntrattwali, tipperdura għal aktar minn tlett (3) snin, li jiddekorru minn dik id-data tal-31 ta' Marzu 2023, u allura jekk sat-tmiem ta' Marzu 2026 l-iżvilupp ma jkunx sostanzjalment komplut kif imfisser fl-att imsemmi, il-mittenti jkollhom il-jedd li jirrexxindu u/jew iħassru l-konċessjoni enfitewtika fl-intier tagħha.

Illi l-mittenti javżawk minn issa illi beħsiebhom jezerċitaw il-jeddijiet kollha emerġenti mill-kuntratt pubbliku surriferit u dawk spettanti lilhom mill-liġi, u ċioè li jmorru għar-rexxissjoni u/jew tħassir tal-konċessjoni enfitewtika fl-intier tagħha, anke billi jirriżulta ċar li diġà llum intom m'intomx f'qagħda li tottemperaw ruħkom mal-obbligi kuntrattwali tagħkom sa' dik id-data, li l-mittenti jagħmluha wkoll ċara li m'humiex ser jestenduha.

Il-mittenti jirreferukom ukoll għall-bqija tal-kuntratt pubbliku minn fejn jirriżulta li hemm diversi inadempjenzi u inosservanzi kuntrattwali oħra da parti tagħkom, partikolarment imma mhux limitatament għal dawk naxxenti mill-klawsola tmienja (8).

Din l-ittra ġudizzjarja qiegħda tintbagħat għal kull fini u effett tal-liġi, u kif ukoll a tenur tal-klawsola 21 tal-istess kuntratt surriferit.

B'riżerva u mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni ġudizzjarja spettanti lill-mittenti skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

10 JUN 2025

..................................................

Ippreżentata mill-..PL H. Testa.....

... dok ......................dokumenti

**Av. Chris Soler**
**Avukat tal-Istat**

**Prokuratur Legali tar-Repubblika**
HEIDI TESTA B.A., L.P.
Prokuratur Legali Anzjan
Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat

Mittenti: (1) Auberge De Baviere, Valletta VLT 2000;
(2) L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, Malta Transport Centre, Triq Pantar, Ħal Lija, LJA 2021;
Soċjetà intimata: MIDI plc (C15836) WG34-WG7, North Shore, Manoel Island, Gżira.